# 25 Sena mill-Miġja tal-Istatwa Titulari L-Immakulata Kunċizzjoni - Ħamrun

minn Josef Spiteri



Għalkemm din hija parroċċa żagħżugħa, sa mill-antik fi zmien is-sur Pawlu Burlò dejjem kienet tħeġġeġ l-imħabba u d-devozjoni lejn Marija, l-Immkualata Kunċizzjoni. L-ikbar titlu li qatt seta' jkollha omm il-Ħallieq. Titlu li hija stess ddikjarat f'waħda mid-dehriet li kellha Bernardette Subirue lura fiż-żmien "Jien jien il-Kunċizzjoni Immakulata". Titlu li l-Papa Piu IX, saħħaħ mad-dinja kollha bid-domma ta' fidi li huwa stess iddikjara.

Fostna kellna diversi xbiehat tal-Madonna li jirrappreżentaw dan it-titlu. Fil-bidu inġiebet statwa ħelwa, ċkejkna li s-sur Burlò kien juża bħala xbieha unika għat-talb u d-devozzjoni tal-poplu Ħamruniż. Din waslet fil-kappella ta' Pawlu Burlò fl-1924, wara li hu kien għamel xi żmien jiġbor minn għand in-nies tal-inħawi. Ix-xewqa ta' Pawlu kienet li jpoġġi lil din l-istatwa għall-qima tad-devoti f'post xieraq fil-kappella li hu kellu fi Triq Vitale wara l-Knisja parrokkjali tagħna fl-inħawi magħrufin tal-Odeon. Għal żmien twil kienet ukoll tintuża f'purċissjoni li kienet ssir mit-tfal tal-mużew waqt il-festa titulari f'Lulju. Din kienet tittellà fuq pedestall fi Pjazza Kappillan Muscat. Iżda kien jidher ċar illi din kienet qed iġġarrab ħafna ħsarat u għalhekk ma ntramatx aktar. Illum din l-istatwa tinsab miżmuma bl-akbar għożża f'niċċa fil-kamra tal-abbatini. Ovvjament din għadha tinħareġ għall-wiri u kellna diversi wirjiet li kienet preżenti fihom kemm fil-knisja kif ukoll fis-sede` tal-każin tal-banda. Din l-istatwa hekk artistika kienet inħadmet mill-istatwarju Karmenu Gatt tal-Ħamrun u għalkemm mhix daqstant kbira hija verament grazzjuża. Għal bosta snin, matul il-ġimgħa tal-festa, din l-istatwa kienet titpoġġa fiċ-ċentru tal-oratorju u aktar tard fil-knisja parrokkjali sabiex tingħata qima xierqa u specjali. Din l-istatwa baqgħet tintuża sal-1967.

Fl-10 ta' Frar tal-1968 inġiebet statwa oħra li kienet akbar u aktar adatta għall-knisja il-ġdida li kienet għadha kif inbniet. Dan sar għaliex l-istatwa ta' żmien l-oratorju kienet kemmxejn ċkejkna żżejjed sabiex tkun tista' titpoġġa fil-knisja parrokkjali. Statwa fina, maħduma fi Spanja bi stil uniku u nġiebet hawn Malta mis-Sur Mattocks. Hi waslet fil-knisja tagħna sewwa sew lejlet il-pussess tal-kappillan Dun Ġużepp Mifsud Bonnici, ftit granet wara li l-knisja saret parroċċa. Mal-wasla tagħha hi ddaħħlet b'purċissjoni fil-knisja fost l-entużjażmu tal-folla miġbura.

Għal żmien din kienet tinħareġ fil-festa Titulari, dak iż-żmien fit-8 ta' Diċembru u imbagħad aktar tard f'Lulju wara r-referendum li kien sar bejn il-Ħamruniżi. Din l-istatwa tal-Kunċizzjoni serviet bħala statwa titulari sas-sena 1985 u l-lum il-ġurnata din il-vara għadna nistgħu ngawduwha u tinsab f'niċċa ħdejn il-librerija parrokkjali, fid-daħla tas-sagristija tal-knisja parrokjali tagħna.

Biż-żmien il-popolazzjoni tal-parroċċa tagħna bdiet tikber u bdiet tikber ukoll l-ħtieġa li jkollna statwa akbar li tkun xempju tas-sbuħija ta' Marija. Il-popolazzjoni ta' dak iż-żmien riedet li s-sbuħija u ħlewwa li nafu li Marija kellha tkun imnaqqxa fi statwa li tkun monument ħaj fil-parroċċa tagħna. Din l-istatwa ngħatat lill-parroċċa tagħna wara li l-kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Manuel Agius kien sar jaf li l-Arcikonfraternità tal-Kunċizzjoni tal-Belt Valletta kellha statwa tal-Kunċizzjoni li ma kinitx tintuża. It-talba formali għaliha kienet saret fis-16 ta' Novembru tal-1984. Wara sena ta' trattativi u laqgħat, nhar it-30 ta' Novembru tal-1985 saret iċ-ċerimonja tat-trasferiment fil-knisja parrokkjali, b'kuntratt quddiem in-nutar Ġużeppi Cachia, il-mistednin distinti u l-parruċċani. L-istatwa waslet fil-parroċċa tagħna eżattament nhar it-30 ta' Novembru tal-1985. Din inħadmet mid-ditta Rosa Zanazio f'Ruma l-Italja fl-1903. Hija kienet maħduma fuq il-mudell tal-artist Spanjol Estaban Murillo u kienet maħduma kollha kemm hi bil-kartapesta rumana. It-tul tagħha hu ta' 180 cm u kienet swiet madwar 612-il lira Taljana, somma kemmxejn kbira għal dak iż-żmien. Oriġinarjament din l-istatwa kienet ġiet ordnata mir-rettur Bartoli tal-Arcikonfraternità tal-Kunċizzjoni sabiex tieħu post dik ta' qabilha. Fil-fatt hi kienet ġiet ordnata f'Ottubru tal-1902 u waslet Malta s-sena ta' wara, eżattament fit-3 ta' Diċembru. Ħaġa interessanti ħafna kien il-fatt illi qabel waslet Malta, l-istatwa kienet ittieħdet il-Vatikan sabiex hemmhekk ġiet imbierka mill-Papa Ljun XIII. Ovvajment ma kienetx kif narawha llum. Sarulha diversi olterazzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-kulur tal-karnaġġon, il-libsa u l-affarijiet konnessi magħha. Fl-1988 l-istatwa titulari saritilha l-indurata u anki pedestal ġdid. U nġiebet mill-Knisja tal-Franġiskani sal-Knisja Parrokjali b'marċ fost il-Ferħ tal-poplu Ħamruniż. Fost l-oħrajn saritilha raġġiera ġdida mid-ditta Aquilina ta' Ħal Qormi. Fl-1994, saru bankun u bradella ġodda, tal-ġewż Afrikan, mid-ditta Mangion tal-Ħamrun. Fil-panewijiet prinċipali tagħhom hemm tlett avvenimenti ewlenin mill-ħajja ta' Marija, minquxin f'basso riljev, d-dehra fl-Lourdes, l-annunzjar lill-Marija mill-anġlu Gabriel u fin-nofs quddiem, l-inkurunazzjoni ta' Marija mit-Trinità Mqaddsa, maħdumin lill-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi. Fost xbiehat oħra hemm dawk il-persuni li kellhom sehem jew konnessjoni kbira mal-Immakulata. Sarilha mant isbaħ u aktar addattat, sett fjuretti u girlanda tal-granutell. Fis-sena 2008 ġew ordnati żewġ Puttini biex jikkumplimentaw l-urna li tkun fiha l-istatwa fi żmien il-festa.

Din is-sena l-2010, ser tkun imfakkra bħala l-25 Sena min meta l-istatwa nġiebet hawn fir-raħal tagħna, biex titgawda u titpoġġa għall-qima tal-poplu Ħamruniż. Nistednukom għalhekk, tingħaqdu magħna sabiex niċċelebraw dan l-anniversarju. Anniversarju li jkompli jkebbes il-Ħuġġieġa li missirijietna tant għożżew u ħadmu biex il-kult Marjan jibqà dejjem jixgħel fi qlub il-Ħamruniżi f'dan iż-żmien, l-Għid tal-Immakulata. Żgur li aħna, bħal ħafna postijiet oħra madwar Malta ser nibqgħu ngħożżu l-imħabba, il-ħlewwa, is-sbuħija ta' dan il-monument ħaj, li jfakkarna u jressaqna aktar lejn il-Ħallieq permess tax-xbieha tas-sultana, il-verġni Immakulata. U filwaqt li nitolbu lill-Marija biex titfa l-barka tagħha fuqna lkoll nittamaw li żżommna dejjem lkoll taħt mantarha.